# Il-Kappella ta' Santa Marija ta' l-Indirizz – Ħaż Żabbar

**Ruth Gamil**



Pajjiżna hu mżejjen b'diversi kappelli dedikati lill-Ommna Maria Santissima Mtellgha s-Sema. Dawn jixhdu l-qima tal-poplu Malti lejn il-Madonna taħt dan it-titlu tant glorjuż u għażiż. Wara li s-sena l-oħra tajna ħarsa lejn il-kappella ta' Santa Maria ta' Ħal Muxi f'Ħaż-Żebbuġ, din is-sena se nagħti ftit tagħrif dwar il-kappella tat-Tlugħ fis-sema ta' Marija li tinsab f'Ħaż-Żabbar magħrufa l-iżjed bħala Santa Marija ta' l-Indirizz.

Ħaż-Żabbar hu wieħed mill-ikbar ħamest ibliet ta' Malta u kien regalat it-titlu ta' Citta mill-aħħar Granmastru ta' l-ordni ta' San Ġwann f'pajjiżna, il-Granmastru Ferdinand von Hompesch f'Settembru tas-sena 1797 propju ftit xhur qabel il-wasla tal-Franċiżi f'pajjiżna.

Ftit bogħod mis-Santwarju tant devot tal-Madonna tal-Grazzja, tinsab iż-żona magħrufa bħala ta' Santa Marija li hi żona antika u pittoreska ħafna. Fil-qalba ta' din iż-żona hemm kappella li tmur lura għall-aħħar snin tas-seklu 16 dedikata lill-Madonna fil-glorja tagħha tat-tlugħ fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Fis-sena 1660 ċertu Gaspare Testeferrata kien ħabrek kemm seta' sabiex isewwi l-knisja diġà eżistenti u jarmaha kif jixraq. Fis-sena 1615 din il-kappella żżejnet bi kwadru iżda peress li l-Grandmastru Verdala kien irregala kwadru titulari ieħor lis-santwarju, xogħol il-pittur Paladini, dak l-antik kien ċeda postu għar-rigal prezzjuż ta' Verdala.

Ta' min jgħid li llum il-ġurnata dan l-istess kwadru li juri l-Madonna tal-Grazzja b'San Pawl u San Ġwann Battista fuq naħa u San Anard fuq in-naħa l-oħra, jinsab fil-Mużew tas-Santwarju.

Meta fis-sena 1860 iġġarfet il-kappella ta' l-Annunzjata sabiex tinbena oħra minn flokha kien ġie deċiż li l-prospettiva ta' l-injam tintrama fil-kappella ta' Santa Marija ta' l-Indirizzi. Il-kampnar tal-ġenb ta' din il-kappella sar diversi snin wara. Il-qniepen li fih il-kampnar, qabel ma sar il-kampnar kienu fil-faċċata fejn għadhom jidhru tliet twieqi bla kolonni.

Fi żmien l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi din il-kappella serviet għal xi żmien bħala parroċċa wara li s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja kien intlaqat sewwa mill-balal u ġarrab ħafna ħsara.

F'din il-kappella għadu jsir il-quddies ta' kuljum u jingħad anke ir-rużarju kull filgħaxija. Din il-kappella isservi wkoll bħala ċentru ta' tagħlim tad-duttrina u fi żmien ir-Randan isir kors ta' eżerċizzji spiritwali wkoll. Permezz ta' manutenzjoni li saret fil-garaxx li hemm fil-ġenb tal-kappella, minn Ottubru tas-sena 2006 bdew isiru laqgħat għall-anzjani wkoll.

Referenzi
In-Nazzjon Taghna, 14 t'Awwissu, 1975
Leħen is-sewwa, 10 t'Awwissu, 1967
http://www.educ.um.edu.mt 11 ta' Novembru 2006
Descrizione storica della chiese di Malta e Gozo, 1866 Achille Ferres

Carmen
Bakery & Confectionery
Maltese Bread, Fancy Bread
& all types of cakes
Triq il-Qroll, Żurrieq • Mobiles: 7900 4497, 9921 6760